MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 50/2010/1

**Malta Industrial Parks Limited**

**v.**

**KA.DO.CO. (Gozo) Co. Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1.1 Dan hu appell minn provvediment moghti fit-8 ta' Lulju 2010, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, Sezzjoni Generali fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz tieghu gie deciz li gej:

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta ma rnexxilhiex taghti raguni tajba ghalfejn naqset milli tipprezenta risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika. Madankollu dan ma jfissirx li s-socjeta` attrici ma ghandhiex tressaq provi in sostenn tat-talbiet taghha in kwantu l-kontumacja m'hijiex ammissjoni. Inoltre, meta jinghalaq s-smiegh tal-provi l-Qorti tghaddi biex tiffissa terminu li fih is-socjeta` konvenuta tkun tista' taghmel sottomissjonijiet bil-miktub *ai termini* tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12.

"Spejjez a karigu tas-socjeta` konvenuta."

1.2 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, dak li gie deciz mill-Qorti tal-ewwel grad qed jigi hawn taht riprodott *in toto* kif gej:

"Il-Qorti,

"Il-kawza tittratta dwar sit li nghata lis-socjeta konvenuta b'titolu ta' enfitewsi temporanja b'kuntratt li sar fl-24 ta' April 2000 fl-atti tan-nutar Dr Enzo Dimech (fol. 7). Is-socjeta attrici ssostni li s-socjeta konvenuta kisret diversi kondizzjonijiet tal-koncessjoni enfitewtika u li huma elenkati f'paragrafu numru 6 tal-premessi fir-rikors guramentat, cjoe:-

"a. Hlas ta' cens mill-24 ta' April 2004;

"b. Ma mpjegatx in-nies li obbligat ruhha li timpjega skond kif stipulat fil-kuntratt;

"c. Ghaddiet il-pussess lil terzi;

"d. Is-socjeta konvenuta naqset milli tassikura l-fond u milli tottjeni l-permessi u licenzji kollha li huma mehtiega.

"F'dan l-istadju ser jinghata provvediment dwar it-talba li ghamlet is-socjeta konvenuta sabiex tiggustifika l-fatt li

baqghet kontumaci wara li r-riosposta guramentata giet sfilzata ghaliex l-ghoxrin jum ghalqu fit-30 ta’ Gunju 2010.

“L-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

*““Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata msemmija f’dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhal li kieku l-konvenut baqa’ kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti* ***raguni tajba*** *li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss.”.*

“Jirrizulta li:-

“a. Fl-10 ta’ Gunju 2010 ir-rikors guramentat, dokumenti annessi u l-avviz tas-smiegh gew notifikati personalment lil Joseph Bonnici, direttur tas-socjeta konvenuta. Mir-riferti tal-ufficjal ezekuttiv jirrizulta li Bonnici nghata zewg settijiet ta’ l-att gudizzjarji. Wahda minnhom zammha ghalih u l-ohra ta lil Joseph Galea, segretarju tal-kumpannija konvenuta. Galea, li skond Bonnici qieghed imexxi n-negozju relatat mal-qtil u processar ta’ tigieg taht l-isem tal-kumpannija Value Foods Limited minn gewwa l-fabbrika oggett ta’ din il-kawza, kellu jiehu hsieb jitkellem ma’ avukat sabiex jiddefendu l-kawza.

“b. Fl-1 ta’ Lulju 2010 Joseph Bonnici mar ghand l-avukat ta’ fiducja tieghu, Dr Justyne Caruana, li dakinhar stess ghamlet ir-risposta li giet prezentata minn Bonnici dakinhar ukoll.

“c. Joseph Bonnici ammetta li s-socjeta konvenuta ghandha thallas is-somma ta’ €4,061.86 bhala arretrati ta’ cens lill-kumpannija attrici ghalkemm qal li qatt ma rcieva avviz ghall-hlas u kien jahseb li Joseph Galea qieghed ihallas ic-cens.

“Hu evidenti li ghal xi raguni jew ohra Joseph Galea ma hax l-intrigu li jitkellem ma’ avukat qabel skada t-terminu ta’ ghoxrin (20) jum. Ghalkemm irrizulta li Galea qieghed jiehu hsieb in-negozju tal-qatla u processar tat-tigieg u

jidher li Bonnici m'huwiex involut fit-tmexxija tan-negozju, l-atti kienu ndirizzati lis-socjeta konvenuta. Bonnici hu direttur tal-kumpannija konvenuta, u fl-ewwel faccata tar-rikors guramentat hemm avviz car li ghandha tigi prezentata risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika u li ghandu jkellem avukat minghajr dewmien. Bonnici kellu bizzejjed zmien sabiex jiehu l-kwistjoni f'idejh u mhux ihalli l-affarjiet f'idejn terzi, gialadarba kien ghaddej iz-zmien u kien evidenti li Galea ma kien qieghed jaghmel xejn. Bonnici stess ikkonferma kemm Galea hu mhabbat, tant li ddeskrivih bhala robot, u ma kellux jiehu riskji u jghaddi l-karti lil haddiehor. Sahansitra fit-23 ta' Gunju 2010 Bonnici gie notifikat b'nota u dokumenti li s-socjeta attrici pprezentat skond id-digriet tat-8 ta' Gunju 2010. Kif gie mis-safar u ra li Galea kien ghadu ma ghamel xejn messu minnufih mar ghand avukat u mhux halla iktar zmien ighaddi. Bonnici stess iddikjara li kien jaf li b'din il-kawza s-socjeta attrici qeghda tipprova tehodlu l-fabbrika. Ghalkemm hu minnu li r-risposta guramentata giet prezentata gurnata biss wara li ghalqu l-ghoxrin (20) gurnata, hemm negligenza kemm min-naha ta' Bonnici u Galea. Hu evidenti li hadd ma kien qieghed jaghti kaz tal-ghoxrin gurnata li bdew ighaddu mid-data tan-notifika, 10 ta' Gunju 2010. Il-fatt li Galea seta' kien imhabbat hafna m'hijiex xi raguni li tista' twassal ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja. Irrizulta wkoll kemm l-avukat li Bonnici avvicina kienet verament efficjenti. Hu mar ikellimha d-dar taghha fl-1 ta' Lulju 2010 u dakinhar stess ippreparat ir-risposta guramentata u tatilu sabiex jipprezentaha fir-Registru tal-Qorti, kif fil-fatt ghamel. Kif Bonnici tkellem mal-avukat fl-1 ta' Lulju 2010 ma tax prova li kien hemm xi impediment milli jkellimha l-gurnata ta' qabel jew it-Tnejn 28 ta' Gunju 2010. Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi kollha l-qorti m'hijiex sodisfatta li nghatat raguni tajba ghalfejn is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta guramentata fit-terminu kontemplat mil-ligi.

"Meta konvenut ikun negligenti ma jistax jirnexxilu jiggustifika l-kontumacja. F'dan il-kuntest il-gurisprudenza hi cara u ma thalli lok ghall-ebda ekwivoku. Ghalkemm

Bonnici deher fl-ewwel seduta, is-socjeta konvenuta xorta kien hemm il-kontumacja kolpuza.

“Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi li s-socjeta konvenuta ma rnexxilhiex taghti raguni tajba ghalfejn naqset milli tipprezenta risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika. Madankollu dan ma jfissirx li s-socjeta attrici ma ghandhiex tressaq provi in sostenn tat-talbiet taghha in kwantu l-kontumacja m’hijiex ammissjoni. Inoltre, meta jinghalaq is-smiegh tal-provi l-qorti tghaddi biex tiffissa terminu li fih is-socjeta konvenuta tkun tista’ taghmel sottimissjonijiet bil-miktub ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap.12.

“Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta.”

**<u>L-appell tal-konvenuta</u>**

2. Is-socjeta` konvenuta KA.DO.CO. (Gozo) Co. Limited hassitha aggravata b’dak li gie deciz u interponiet appell minnu, ghal fini ta’ revoka.

L-aggravji jistghu jingabru fil-qosor kif gej:

i). Illi s-socjeta` konvenuta kellha raguni tajba ghaliex naqset milli tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet fiz-zmien moghti mil-ligi. L-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u lanqas segwit l-insenjament li johrog mill-gurisprudenza domestika fuq il-kontumacja.

Hemm sitt (6) motivi bhala bazi ta’ dan l-aggravju, jigifieri:
a). kellhom jikkonkorru l-elementi tal-kontumelja u d-dispett li fil-kaz prezenti kienu assenti;

b). il-konvenuta wriet b’mod car ir-rieda taghha li tikkuntesta t-talba attrici;

c). il-konvenuta hija skuzata minhabba necessita` impellenti;

d). il-kontumacja bhala istitut odjern ghandu jigi applikat favur il-konvenut;

e). il-gurisprudenza l-aktar ricenti hija f'direzzjoni aktar liberali u dan anke taht "l-influwenza ta' orjentazzjoni konformi mad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq";

f). il-kolpa mhix tal-konvenuta, imma ta' terz u ghalhekk ghandha tigi skuzata. Iktar u iktar fil-kaz prezenti meta t-terz lanqas kienet persuna legali bhalma hi avukat.

ii). Bla pregudizzju ghas-suespost, lanqas kien hemm kontumacja.

In-notifika nharget fuq diversi indirizzi u ghalhekk it-terminu kellu jibda jiddekorri mid-data tal-ahhar notifika.

**Ir-risposta tas-socjeta` attrici appellata**

3.1 L-appellata fl-ewwel lok eccepiet in-nullita` tal-appell, trattandosi hawn ta' digriet interlokutorju, billi gie prezentat *fuori termine*.
3.2 F'kull kaz, id-digriet li nghata kien korrett u jimmerita konferma u dan peress li ma jezistux ragunijiet sufficjenti ghall-purgazjoni tal-kontumacja tas-socjeta` appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Peress li fl-ewwel lok tqajjem pregudizzjal dwar nullita` tal-appell interpost mis-socjeta` intimata, ikun opportun li jigi deciz dan il-punt.

M'ghandux ikun hemm dubju li n-natura tal-provvediment moghti mill-Qorti ma kienx jammonta ghal sentenza imma ghal digriet interlokutorju. Dan hu hekk ghaliex hawn *si tratta* ta' provvediment dwar kif ghandu u jigi kondott is-smiegh tal-kawza relattivament ghall-provi. Fi kliem iehor, id-decizjoni appellata la b'xi mod qeghda tiddeciedi l-mertu proprju tal-vertenza u lanqas jista' jinghad li d-digriet li nghata *terminat negotium de quo agitur*. Fil-fatt, il-provi fil-mertu ghadhom lanqas biss bdew jinstemghu u

wisq inqas ghalhekk ma gie deciz xi haga rigwardanti l-istess mertu tal-vertenza.

Issa kif sewwa gie sottomess mill-parti appellata, l-Artikolu 229(6) tal-Kap. 12 jipprovdi espressament illi:

"Iz-zmien biex isir appell minn digriet qabel is-sentenza definittiva, ghandu jkun ta' sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-Qorti bil-miftuh."
Jirrizulta illi s-socjeta` intimata giet awtorizzata li tappella "seduta stante" meta nghata d-digriet pero` imbaghad hadet hmistax-il gurnata biex intavolat ir-rikors ta' appell, jigifieri mit-8 ta' Lulju 2010 sat-23 ta' Lulju 2010. Kjarament ghalhekk jirrizulta li l-appell li gie hekk intavolat iddahhal *fuori termine* u ghalhekk huwa irritu u null.

5. Strettament ghalhekk il-Qorti tista' tieqaf hawn bla htiega li tidderimi u tiddeciedi wkoll dwar l-aggravji tal-appellanti in sostenn tal-appell u dan kollu biex l-appellanti turi li, bil-maqlub ta' dak illi gie ritenut u deciz mill-ewwel Qorti, il-kontumacja kienet wahda gustifikata u setghet, anzi messha giet purgata. Madankollu, hija xorta wahda sejra tidhol fil-mertu ghaliex anke taht dan l-aspett, hija thoss li l-appell ghandu jigi respint, kif ser jinghad.

Din il-Qorti, filwaqt li apprezzat il-fatt li s-socjeta` appellanti, kif rapprezentata, kienet leali bizzejjed mal-Qorti billi stqarret, minghajr ma toqghod iddur mal-lewza, li r-raguni ewlenija li tat lok ghal dak li gara kien gej mill-fatt li d-direttur tas-socjeta` kellu hafna impenji ta' xoghol, u filwaqt li apprezzat ukoll il-mod ferm garbat u studjat li bih l-imsemmija aggravji gew elaborati, xorta wahda ma gietx konvinta li tressqu argumenti tassew validi biex tigi milqugha t-talba sabiex tigi gustifikata l-kontumacja tas-socjeta` intimata. Ibda biex tajjeb li jinghad li biex ikun hemm kontumelja jew dispett lejn l-awtorita` tal-Qorti mhux necessarju li din ghandha tassumi bilfors il-forma ta' oltragg – allahares dan kien il-kaz. Ghall-kuntrarju, huwa sufficjenti li jirrizulta li minkejja li l-parti intimata kellha facilita` shiha – ta' zmien u ta' opportunita` - li tintavola nota ta' eccezzjonijiet, din xorta wahda <u>u ghal ragunijiet imputabbli lilha</u> baqghet inadempjenti. Certament

ghalhekk m’huwiex skuzant validu li wiehed jipprova jiggustifika l-kontumacja negligenti tieghu billi jistqarr li kien imhabbat bix-xoghol jew li halla kollox f’idejn terz, li ma kienitx persuna legali u li din ma segwitx dak li giet mitluba taghmel. Tajjeb ukoll li jinghad li kien proprju ghalhekk li maz-zmien l-istitut tal-kontumacja gie “imtaffi” b’mizuri aktar generuzi a beneficcju proprju tal-parti milquta. Dan billi z-zmien ghal fini ta’ prezentata ta’ nota ta’ eccezzjonijiet gie estiz ghal perjodu ta’ ghoxrin (20) jum minn meta tkun saret in-notifika u f’kull kaz il-parti in kontumacja inghatat il-fakulta` li, jekk trid, tkun tista’ ulterjorment tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet wara l-gheluq tal-provi. Naturalment baqa’ fis-sehh ukoll il-principju li min ikun fi stat ta’ kontumacja, bhal fil-kaz tal-intimata, din ghandha titqies u tittiehed bhala li ghandha opposizzjoni ghat-talba jew talbiet tal-attur. Issa meta gew fis-sehh dawn il-mizuri li taw aktar nifs lill-konvenut biex ikun f’qaghda ahjar li jwiegeb u, jekk hemm bzonn, jikkontesta t-talbiet maghmula fil-konfront tieghu, hadd ma ghandu d-dritt jippretendi li jaghmel uzu hazin minnhom u jevita l-konsegwenzi. Jekk, per ezempju, il-konvenut gie moghti terminu ta’ ghoxrin (20) jum, minflok tmienja jew ghaxra biex jikkontesta t-talbiet kontrieh, hu m’ghandux jippretendi li jigi gustifikat billi jghid li ma sabx hin bizzejjed biex jirrispondi fiz-zmien stipulat *ex lege* ghax kellu affarijiet ohra x’jaghmel. Jekk imbaghad huwa ddelega dan l-impenn biex jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet f'idejn terz li kien traskurat, huwa ma jistax issa jressaq dan bhala skuzant ghaliex din m’hija xejn ghajr *a self-inflicted incapacity* u l-istess jinghad fir-rigward tar-ragunijiet moghtija dwar “necessitajiet impellenti” – li ma kienu xejn minn dan – li zammewh milli jikkontesta t-talbiet attrici tempestivament. L-argument imbaghad, li tqajjem ukoll waqt it-trattazzjoni orali, li trattandosi hawn ta’ materja serja li tista’ tincidi eventwalment fuq iz-zamma o meno tal-koncessjoni enfitewtika tal-fond kummercjali *de quo*, fis-sens li s-socjeta` konvenuta zgur ma kienitx ser tkun daqshekk non-kuranti li taqa’ in kontumacja, huwa wiehed sofista. Dan ghaliex, bl-istess argument, wiehed jista’ allura jghid li, trattandosi ta’ materja talment vitali, kien jinkombi maggorment fuq il-konvenut biex akkost ta’ kollox jara’ li jimxi skrupolozament u skont kif hemm stipulat fil-

ligi u mhux jimxi b’mod arbitrarju u tardiv. Bizzejjed wiehed isemmi li wahda mill-premessi attrici qeghda tallega li c-cens dovut ilu ma jithallas sa mis-sena 2004 filwaqt li c-citazzjoni giet ipprezentata fit-8 ta’ Lulju 2010. X’diffikulta` seta’ zammet lis-socjeta` konvenuta milli twiegeb ghal allegazzjoni bhal din *entro* perjodu ta’ ghoxrin jum? Kien fl-interess suprem tieghu li Joseph Bonnici, bhala *sole director,* rapprezentanti s-socjeta` konvenuta li, jekk se jiddelega dak li kien jispetta lilu biex jaghmilhielu haddiehor jara li din tkun persuna responsabbli. Kemm setghet kienet “affidabbli” tali persuna, wiehed jista’ biss jipprezumiha minn dak li ddepona dwarha l-istess Joseph Bonnici (ara xhieda tieghu moghtija fis-seduta mizmuma fis-6 ta’ Lulju 2010) fejn xehed hekk:

“Ghamilt sebat (7) ijiem imsiefer. Meta gejt kelli nerga’ nsiefer ghal tlett (3) ijiem ohra. Lil Galea cempiltlu; ma rrispondinix. Meta gie l-marixxal u regghu gew il-karti f’idejja, jiena mort bihom ghand l-avukat. Dan kien xi tlett (3) ijiem wara; kien hemm *long weekend*, ta’ San Pawl. Lil Galea jien kont kellimtu. Qalli “hu pacenzja, Joe, mur bihom int ghand l-Avukat ghax ghandi x’naghmel…”

(Enfasi mizjud ta’ din il-Qorti)

Tali agir certament m’huwiex skuzabbli, odjuz kemm hu odjuz l-istitut tal-kontumacja, dan qieghed hemm ghal raguni tajba, dik jigifieri li tassigura li ssehh dixxiplina fil-mod kif tinstema’ kawza minflok li jsaltan stat ta’ konfuzjoni, incertezza jew sahansitra l-kaos. Fl-ahharnett, bil-fatt li s-socjeta` attrici hadet il-briga li tipprova tinnotifika lis-socjeta` konvenuta fi tlett indirizzi separati m’ghandux jintuza bhala pretest favur l-inadempjenza tal-konvenuta. Fil-kaz taghha, l-ghoxrin jum bdew jghoddu mill-ewwel notifika li sehhet validament u mhux, kif gie argumentat, mill-ahhar wahda.

Ghalhekk, apparti dak li gie ritenut fir-rigward tal-ewwel pregudizzjali, jigifieri li l-appell sar *fuori termine*, f’kull kaz ukoll l-aggravji tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kienu jimmeritaw li jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell interpost bhala wiehed irritu u null u f'kull kaz ghal kollox infondat u ghalhekk qeghda tichad l-appell bl-ispejjez relattivi kontra s-socjeta` intimata appellanti.

Il-Qorti tordna wkoll li l-atti jigu rimessi mill-aktar fis quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' u tiddeciedi l-kawza fil-mertu skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------